MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 311/2021 LM

**Louis Camilleri għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà LCAM Construction Ltd (C 96185)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Bilom Properties Ltd (C 48515)**
*('L-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Louis Camilleri (K.I. nru. 0651158(M)) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà LCAM Construction Ltd (C 96185)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant noe'] mid-digriet mogħti fit-13 ta' Jananr, 2023, [minn issa 'l quddiem 'id-digriet appellat'] mill-Qorti tal-

Maġistrati (Malta) [minn issa ’l quddiem ‘l-ewwel Qorti’], li permezz tiegħu ċaħdet it-talba tiegħu sabiex l-isem tas-soċjetà intimata **Bilom Properties Ltd (C 48515)** [minn issa ’l quddiem ‘is-soċjetà appellata’] jiġi sostitwit bl-isem Bilom Construction Limited (C 48672).

**Fatti**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw pretensjoni għall-ħlas ta’ xogħlijiet ta’ kostruzzjoni li saru mill-appellant noe fuq inkarigu tas-soċjetà appellata.

**Mertu**

3. L-appellant noe istitwixxa dawn il-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti permezz tal-preżentata ta’ rikors fid-9 ta’ Novembru, 2021 fejn ħarrek lis-soċjetà appellata sabiex tgħid għaliex m’għandiex tiġi kkundannata minn dik il-Qorti sabiex tħallas:

> *“...is-somma ta’ tnax-il elf tlieta u disgħin Ewro u żewġ ċenteżmi (EUR12,093.02) jew somma ogħla verjuri li tiġi llikwidata import ta’ xogħlijiet ta’ kostruzzjoni li saru b’inkarigu tas-Soċjetà Intimata, li għadha ma tħallsux.*
>
> *Bl-ispejjes u imgħaxijiet”*

4. Is-soċjetà appellata eċċepiet is-segwenti:

> *“1. Fl-ewwel lok, u in linea preliminari, is-soċjetà esponenti m’hijiex il-leġittimu kuntradittur, iżda semmai is-soċjetà Bilom Construction Limited (C 48672) li kienet is-soċjetà li daħlet fin-negozju. Dan kif evidenti mill-fattura mibgħuta lill-*

*intimat qabel ma nfetħet din il-kawża. Għaldaqstant, is-soċjetà esponenti għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;*

2. *Fit-tieni lok, u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preċedenti, s-somma pretiża mir-rikorrenti hija għal kollox eseġerata. Ir-rikorrenti kien aċċetta li jaħdem abbażi tar-rati preżentati lilu minn ċerta Mariella Bugeja għan-nom tas-soċjetà Bilom Construction Limited u mhux abbażi ta' rata* per diem *kif qed jippretendi ir-rikorrenti. Fil-fatt bir-rati mifthiema u bil-kejl tax-xogħol, l-ammont dovut mill-intimat huwa dak ta' €3,905.49ċ. Liema ammont ġie offert iżda rifjutat qabel din il-kawża, u liema ammont qiegħed jiġi depożitat il-Qorti biex jiġi liberament żbankat mir-rikorrenti.*
3. *Mill-bqija t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati kemm fil-fatt u fid-dritt.*
4. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż."*

## **<u>Id-Digriet Appellat</u>**

5. L-ewwel Qorti waslet għad-digriet appellat wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti:

*"Illi t-talba odjerna qed issir abbażi tal-Artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi minkejja li l-Artikolu 175 tal-Liġijiet ta' Malta llum-il ġurnata jagħti setgħa vasta lill-Qorti li tordna tibdil fl-iskritturi jew fil-proċeduri, din is-setgħa hija limitata bil-fatt li tali korrezzjoni m'għandhiex tbiddel fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża.*

*Illi fir-rikors tiegħu Louis Camilleri jitlob illi l-isem tal-intimat "Bilom Properties Limited (C 48515)" tkun sostitwitha bl-isem korrett ta' "Bilom Construction Ltd (Cv48672)". Illi essenzjalment, minkejja li r-rikorrent qed jagħti l-impressjoni li l-korrezzjoni hija biss fin-nomenklatura tal-intimat, il-fatti huma li bit-talba tiegħu, ir-rikorrenti qiegħed effettivament jitlob is-sostituzzjoni totali tal-intimat b'persuna legali oħra.*

*Fil-fehma tal-Qorti, l-Artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta m'huwiex maħsub u m'għandux jintuża sabiex jissostitwixxi intimat b'ieħor iżda huwa biss intiż sabiex <u>jissewwa żball</u>. It-taħrik ta' intimat minflok ieħor m'huwiex żball fl-iskritturi iżda huwa żball fl-għażla tal-litikonsorzju fdata f'idejn l-attur. Li kieku din il-bidla fundamentali f'kawża kienet permissibbli kienet tinħoloq sitwazzjoni fejn parti tissejjaħ bħala*

*intimata wara l-proċeduri jkunu diġà nbdew mingħajr ma jkollha l-fakultà li tressaq id-difiża tagħha fil-forma ta' eċċezzjonijiet. Dan qed jingħad għaliex f'ebda mument l-artikolu 175 ma jikkontempla l-possibilità li parti li tidħol f'kawża tissottometti l-eċċezzjonijiet tagħha jew tingħata perijodu sabiex tagħmel dan. Fil-każ odjern, din id-diffikultà hija aktar pronunzjata bil-fatt li l-kawża għandha intimat wieħed li qed jintalab li jiġi mibdul. Għal dan l-iskop, il-liġi tippermetti azzjonijiet oħra li jistgħu isiru iżda żgur li mhux bl-applikazzjoni tal-artikolu 175 tal-kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*B'hekk, għal dawn ir-raġunijiet, ir-rikors ta' Louis Camilleri qed jiġi miċħud."*

## L-Appell

6. L-appellant noe ppreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fit-30 ta' Marzu, 2023, fejn qed jitlob lil din il-Qorti sabiex:

*"...jogħġobha tirrevoka d-Digriet tal-Ewwel Onorabbli Qorti tal-13 ta' Jannar 2023, filwaqt li tawtorizza u tordna l-korrezzjoni mitluba mill-esponent permezz tar-rikors tiegħu tal-5 ta' Ottubru 2022, kollox kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi.*

Jgħid li l-aggravju tiegħu huwa li dak li l-ewwel Qorti qieset bħala mhux aċċettabbli, huwa filfatt permess mil-liġi.

7. Is-soċjetà appellata wieġbet fl-20 ta' April, 2023 fejn sostniet li din il-Qorti għandha tiċħad l-appell tal-appellant noe, u tikkonferma fl-intier tiegħu d-digriet tal-ewwel Qorti.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tal-appellant noe, u dan fid-dawl ta' dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti, u filwaqt li tieħu wkoll in

konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet magħmulin mis-soċjetà appellata fir-risposta tagħha.

9. L-appellant noe permezz tal-aggravju tiegħu qiegħed jikkontendi li dak li l-ewwel Qorti kkunsidrat bħala mhux permess mil-liġi, għandu filfatt jitħalla li jsir. Isostni li korrezzjoni mhijiex permessa biss jekk din tbiddel is-sustanza tal-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-mertu tal-kawża. Jispjega li l-mertu tal-proċeduri odjerni jirrigwarda talba għall-ħlas ta' xogħol ta' appalt li sar minnu, u permezz tal-korrezzjoni mitluba ma kienx ser jiġi affettwat il-mertu. L-appellant noe jissottometti li s-soċjetà appellata ġiet indikata ħażin riżultat ta' żball ġenwin, u hawnhekk huwa jagħmel riferiment għar-rikors ippreżentat quddiem l-ewwel Qorti fejn huwa ressaq it-talba tiegħu għall-korrezzjoni kif sostanzjata permezz tal-ġurisprudenza rilevanti.

10. Is-soċjetà appellata tirrileva qabel xejn li quddiem l-ewwel Qorti hija kienet eċċepiet li mhijiex il-leġittimu kuntradittur għaliex ma kinitx hi li daħlet f'negozju mal-appellant noe, iżda kienet is-soċjetà Bilom Properties Limited li kellha x'taqsam miegħu. Tgħid li dan huwa evidenti mill-fattura li bagħat l-istess appellant noe lilha. Tispjega li Bilom Construction Limited u Bilom Properties Limited huma żewġ kumpanniji li m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' xulxin, fejn saħansitra jagħmlu xogħol differenti. Tikkontendi li hija ma kienet qatt involuta fin-negozju mal-appellant noe, u hekk jirriżulta mill-fatturi relattivi, minn fejn dan faċilment seta' jikkonferma ma' min kien hemm nuqqas ta' qbil. Is-soċjetà appellata tagħmel riferiment għas-subartikolu 175(1) tal-Kap. 12, u ssostni li permezz tal-korrezzjoni kien ser ikun hemm bidla fil-partijiet fil-kawża odjerna, fejn is-soċjetà Bilom Construction Limited u l-eċċezzjonijiet tagħha fir-rigward

tal-pretensjoni tal-appellant noe, setgħu jkunu, u filfatt, huma differenti, u b'hekk il-korrezzjoni ser tkun ta' preġudizzju għal din il-kumpannija. Tgħid li huwa ċar li l-korrezzjoni jekk tiġi awtorizzata, kienet ser tmur lil hinn mill-parametri tas-subartikolu 175(1) tal-Kap. 12.

11. Il-Qorti tibda billi tirrileva li l-korrrezzjoni mitluba hija waħda minn dawk li jikkontempla dan is-subartikolu, għaliex hawnhekk qiegħed jintalab mill-appellant noe li *"...jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku..."*. Jonqos imbagħad li jiġi kkunsidrat jekk din il-korrezzjoni, jekk tintlaqa', hijiex ser tbiddel *"...fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-mertu tal-kawża"*. Tirrileva li l-korrezzjoni mitluba m'għandhiex tolqot l-ebda waħda minn dawn, għaliex jidher mill-atti ppreżentati mill-partijiet, li s-sustanza tal-azzjoni dejjem ser tibqa' pretensjoni għall-ħlas ta' xogħol ta' appalt li ġie eżegwit mill-appellant noe. Tikkunsidra wkoll li l-eċċezzjonijiet li ngħataw mis-soċjetà appellata huma wiesgħa biżżejjed sabiex jippermettu li jitressqu argumenti oħra, saħansitra anki permezz ta' eċċezzjonijiet ulterjuri, stante li dawn ġew riżervati kif jirriżulta mill-paragrafu 4 tat-tweġiba tas-soċjetà appellata.

12. Għaldaqstant, din il-Qorti tikkunsidra li l-aggravju tal-appellant noe huwa ġustifikat, u tilqgħu.

## <u>Decide</u>

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-appellant noe, u tordna li fl-atti kollha ta' dawn il-proċeduri issir id-debita korrezzjoni kif mitluba minnu.**

**L-ispejjeż tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tal-appellant noe ġaladarba l-korrezzjoni mitluba hija neċessarja minħabba żball fl-atti min-naħa tiegħu.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**